

Brussell, 18 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10383/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0179 (NLE)

ECOFIN 809
UEM 306
FIN 697
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 329 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 329 final.

Mehmuż: COM(2025) 329 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2025
COM(2025) 329 final

2025/0179 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD
1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u
r-reżiljenza għad-Danimarka**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mid-Danimarkafit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fid-9 ta' Novembru 2023³, fl-10 ta' Diċembru 2024⁴.
- (2) Fil-21 ta' Mejju 2025, id-Danimarka għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, id-Danimarka ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mid-Danimarka minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 15-il miżura.
- (4) Id-Danimarka spjegat li ġew emendati 13-il miżura biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżuri rispettivi. Dan jikkonċerna l-mira 7 taħt il-miżura tal-Investment 1 (Biedja organika), il-mira 8 taħt il-miżura tal-Investment 2 (Tranżizzjoni organika tal-kċejjen

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ ST 14473/23 INIT; ST 14473/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ ST 15877/24 INIT; ST 15877/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

pubbliċi), il-mira 9 taħt il-miżura tal-Investment 3 (Ċentri tal-innovazzjoni organika) u l-mira 10 taħt il-miżura tal-Investment 4 (Proġetti organiċi bbażati fuq il-pjanti) taħt il-komponent 2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura u l-ambjent), il-mira 33 taħt il-miżura tal-Investment 1 (Tieqa ta' investment) taħt il-komponent 4 (Riforma tat-taxxa ekoloġika), l-istadju importanti 45 taħt il-miżura tal-Investment 2 (Test tal-iżvilupp tal-ipprezzar tat-toroq), il-mira 53 taħt il-miżura tal-Investment 6 (Skema għall-infrastruttura għar-roti elettriċi), u l-miri 51 u 52 taħt il-miżura tal-Investment 7 (Investimenti fil-mogħdijiet tar-roti fit-toroq tal-istat u skema ta' sussidju għar-roti għall-muniċipalitajiet) taħt il-komponent 5 (Trasport sostenibbli bit-triq) il-mira 94 taħt il-miżura tal-Investment 5 (Miżura fuq skala akbar: Effiċjenza Enerġetika fl-industrija) u l-istadju importanti 78 taħt il-miżura tar-Riforma 1 (Persunal Nazzjonali għall-Kriżi tal-Enerġija (NEKST, National Energy Crisis Staff)) taħt il-komponent 8 (REPowerEU). Fuq din il-bażi, id-Danimarka talbet li jiġu emendati l-istadji importanti, il-miri u l-miżuri msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, id-Danimarka talbet it-tneħħija tal-mira intermedja 14 taħt il-miżura tar-Riforma 1 (Ħamrija b'livell għoli ta' karbonju) taħt il-komponent 2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura u l-ambjent), il-mira intermedja 21 taħt il-miżura tal-Investment 1 (Sostituzzjoni tal-perjatur taż-żejt u l-fran tal-gass) u l-mira intermedja 24 taħt il-miżura tal-Investment 2 (Effiċjenza enerġetika fl-industrija) taħt il-komponent 3 (Effiċjenza enerġetika, tisħin ekoloġiku u qbid u ħżin tal-karbonju), filwaqt li żżomm il-miri finali 15, 89 u 94. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (5) Id-Danimarka spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament, minħabba dewmien mhux previst. Dan jikkonċerna l-mira 15 taħt il-miżura tar-Riforma 1 (Ħamrija b'livell għoli ta' karbonju) taħt il-Komponent 2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura u l-ambjent). Fuq din il-bażi, id-Danimarka talbet li jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni ta' din il-mira. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (6) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-mira 15 taħt il-miżura tar-Riforma 1 (Ħamrija b'livell għoli ta' karbonju) taħt il-komponent 2 (Tranżizzjoni ekoloġika tal-agrikoltura u l-ambjent), id-Danimarka talbet ukoll l-użu tar-riżorsi meħlusa biex tiżdied il-livell ta' implimentazzjoni tal-mira 43 taħt il-miżura tar-Riforma 1 (Prioritizzazzjoni mill-ġdid tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u taxxa baxxa fuq l-elettriku fuq l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi) taħt il-komponent 5 (Trasport sostenibbli bit-triq). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mid-Danimarka jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (8) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-pjan u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mid-Danimarka.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mid-Danimarka ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għad-Danimarka rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (11) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (12) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tad-Danimarka huma ta' EUR 1 812 081 282. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għad-Danimarka, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tad-Danimarka tkun ugwali għal EUR 1 625 890 885. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għad-Danimarka tibqa' l-istess.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għad-Danimarka tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tad-Danimarka fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment taħt l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti relatati mal-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti, huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President